MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-15 ta' April, 2009

Numru 342/2009

Il-Pulizija
(Spettur Alfred Mallia)

vs

Mikiel Anglu Mamo

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 183772(M) akkuzat talli:

1. nhar il-5 t’April 2009 f’hinijiet diversi, fil-gzejjer Maltin b’diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel

titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn Euro 232.94 (Lm100) izda inqas minn Euro 2329.37 (Lm1000) ghad-dannu ta’ Elizabeth J. Chetcuti u persuni ohra u dan bi ksur ta’ l-artikoli 308 u 310(l) tal-Kap 9;

2. ikkommetta serq ta’ flus liema ammont jeccedi Euro 232.94 (Lm100) izda li ma jeccedix l-ammont ta’ Euro 2329.37 (Lm1000) ikkwalifikat bil-valur u bil-hin ghad-detriment ta’ Elizabeth J. Chetcuti u persuni ohra u dan bi ksur ta’ Artikoli 261, 267 u 270 tal-Kap 9;

3. fl-istess data u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 41(1) (a) tal-Kap 9;

4. fl-istess zmien laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akwistati b’reat u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 334 tal-Kap 9;

5. irrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Semghet lill-imputat f’din l-ewwel udjenza jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jikkonsistu f’truffa, serq, attentat ta’ serq u recidiva. Ir-reat ta’ ricettazzjoni huwa in alternattiva ghal dak ta’ serq.

Sfortunament ghall-imputat l-fedina penali tieghu hija mimlija b’reati precedenti ta’ serq u offizi ohrajn li jgeghlu l-Qorti timponi perjodu ta’ prigunerija effettiva.

L-ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u inkondizzjonata.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikolu 308, 261(c) (f), 267, 270, 279(a), 41, 49 u 50 u 17 tal-Kap 9 tikkundannah seba' xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------